MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta tat-2 ta' Gunju, 2014

Avviz Numru. 284/2010

**Perit Raymond Vassallo**

**vs**

**Perit William Carbonaro u Anthony Parlato Trigona**

Il-Qorti

Rat ir-rikors promotur ippresentat fil-11 ta' Dicembru 2009 fejn ir-rikorrent talab lill-Qorti jiddikjara illi dikjarazzjoni stampata illi ggib id-data 6 ta' Ottubru 2008 u iffirmata mill-intimati hija malafamanti u ingurjanti fil-konfront tar-rikorrenti u ghalhekk talab lill-Qorti tillikwida d-danni sofferti rizultat ta' dana il-fatt u tikkundanna lill-istess intimati ihallsu lir-rikorrent tali danni a tenur ta' l-Artikolu 28 tal-Kap 248.

Rat id-dokument ossija ittra indirizzata "Shareholders of Winex Holdings Ltd" datata 6 ta' Ottubru 2009 u ffirmata William Carbonaro, Edward Micallef u Anthony Parlato Trigona illi maghha kien hemm annessi rirsposta illi huma kienu qed jaghmlu ghal rikors illi r-rikorrent kien ippresenta fil-Qorti kontra taghhom u li huwa kkomunika ma l-istess persuni illi huma indirizzaw l-ittra taghhom.

Rat ir-risposta tal-Perit William Carbonaro u Anthony Parlato Trigona ippresentata fl 20 ta' Settembru 2010 fejn l-intimat sahaq illi l-kontenut ta' l-istampat mhux libelluz peress ili jammonta ghal 'fair comment' dwar fatti sostanzjalment korretti.

Rat illi l-partijiet qablu illi x-xhieda u dokumentazzjoni kollha migbura fil-kawza 497/09 fl-ismijiet '**Perit Raymond Vassallo vs Perit Edward Micallef**', illi tirrigwarda listess meritu ghandhom japplikaw,s a fejn possibbli, ghall-kawza odjerna.

Rat ix-xhieda tar-rikorrenti **l-Perit Raymond Vassallo** illi nghatat fit-3 ta' Novembru 2010 u fit 22 ta' Frar 2011.

Semghet ix-xhieda ta' **Ingrid Parlato Trigona** moghtija fis 7 ta' Novembru 2011 u fis 16 ta' April 2012.

Semghet ix-xheida tal-**Perit Edward Micallef** moghtija fis 7 ta' Novembru 2011, fit 30 ta' Jannar 2012, fis 16 ta' April 2012, fis 7 ta' Ottubru 2013 u fid 9 ta' Dicembru 2013.

Semghet ix-xhieda ta' **Anthony Parlato Trigona** moghtija fis 16 ta' April 2012 u fis 7 ta' Ottubru 2013.

Semghet ix-xhieda tar-rikorrenti moghtija fid 19 ta' Ottubru 2012, fit 3 ta' Dicembru 2012.

Rat illi fit 3 ta' Dicembru 2012 ir-rikorrent iddikjara illi ma kellux aktar provi x'jippresenta.

Semghet ix-xhieda tal-**Perit William Carbonaro** moghtija fit 3 ta' Mejju 2013 u fis 17 ta' Gunju 2013.

Semghet ix-xhieda tar-rikorrenti moghtija fis 7 ta' Ottubru 2013.

Rat illi fid 9 ta' Dicembru 2013, il-partijet qablu illi ma kellhomx aktar provi u kontro ezamijiet x'jaghmlu u l-kawza giet differita ghall presentata tas-sottomissjonjiet finali.

Rat illi fit 3 ta' Frar 2014 ir-rikorrent ippresenta n-nota ta' sottomissjonijet tieghu.

Rat illi fis 27 ta' Marzu 2014 l-intimati ippresentaw s-sottomissjonijet taghhom.

**Ikkunsidrat.**

Jirrizulta mill-provi prodotti illi r-rikorrenti kien direttur f'kumpannija flimkien l-intimat Edward Micallef, u William Carbonaro u Anthony Parlato Trigona, illi kontra taghhom ir-rikorrenti ipproceda fuq l-istess ermtiu permezz ta' kawza ohra illi qed tigi deciza flimkien mal-kawza odjerna, liema kumpannija kienet Winex Holdings Limited.

Jirrizulta illi, mument minnhom, ir-rikorrenti beda jkollu differenzi mad-direttur l-ohra tal-kumpannija Winex Holdings Limited, liema differenzi wasslu sabiex, mument minnhom, ir-rikorrent tnehha minn Direttur tas-socjeta Regent Holdings Limited, illi hija azzjonista principali fil hdan fina l-kumpannija.

Jirrizulta illi, wara illi r-rikorrent tnehha minn tali kariga, ghalkemm huwa kien qieghed joggezzjona ghal tali fatt, huwa nieda kawza fil-Qorti kontra d-diretturi l-ohra involuti fil-kumpannija sabiex it-tnehhija tieghu tigi revokata.

Jirrizulta illi, sussegwentement, ir-rikorrent intavola kawza ohra, din id-darba kontra id-diretturi tas-socjeta Winex Holdings Limited, fejn huwa allega illi d-diretturi l-ohra kellhom kunflitt ta' interess fit-tmexxija ta' tali kumpannija kif ukoll intavola Mandat ta' Inibizzjoni kontra l-istess kumpannija sabiex id-diretturi ma jithallsu ebda pagament u rimenuerazzjoni sakemm il-kawza tigi deciza.

Jirrizuta illi, wara li otjjena il-hrug tal-Mandat ta' Inibizzjoni kontra is-socjeta Winex Holdings Limited u d-diretturi taghha, huwa ghadda sabiex jibghat ittra lis-shareholders kollha tas-socjeta Winex Holdings Limited, fit 28 ta' Settembru 2009.

Jirrizulta illi permezz ta' tali ittra, ir-rikorrent gharraf lill-azzjonisti kollha tal-kumpannija Winex Holdings Limited bid-differenzi illi huwa kellu mad-diretturi tas-socjeta Winex Holdings Limited u annetta ma' tali estratt tar-rikors tal-Mandat ta' Inibizzjoni illi kien intavola kif ukoll kopja tal-kawza illi huwa kien intavola kontra kullhadd wara illi kien tnehha minn direttur tal-kumpannija Regent Holdings Limited.

Jirrizulta illi fis 6 ta' Ottubru 2009, in reazzjoni ghall-ittra mibghuta mir-rikorrenti fuq imsemmija, mimlija allegazzjonijiet fi-konfront tad-direttur tas-socjeta Winex Limited Limited, l-istess diretturi, ossija l-intimati William Carbonaro u Anthony Parlato Trigona flimkien ma' Edward Micallef, bghatu risposta lill azzjonisti kollha tas-socjeta Winex Holdings Limited, fejn dawna taw ir-reazzjonijiet ghal dak kollu illi kien allega fil-konfront taghhom ir-rikorrent.

Jirrizulta illi flimkien ma' l-ittra mibghuta lill-azzjonisti, id-diretturi l-ohra, fosthom l-intimati, baghtu kopja tar-risposta taghhom ghal dak li kienet qieghed jistqarr fir-rikors tieghu u li r-rikorrent kien annetta ma' l-ittra tieghu mibghuta precedentement mir-rikorrent.

Jirrizulta illi ir-rikorrent hassu malafamat mill-kontenut ta' xi kummenti illi saru fir-risposta mibghuta mill-intimati u d-diretturi l-ohra, u ghalhekk intavola il-kawza odjerna.

**Ikkunsidrat**

Kif jidher mill-atti proceswali, ir-rikorrent kif ukoll il-partijiet kkoncernati xehdu in extenso fuq il-kwistjoni kollha illi kellhom pendenti bejniethom, liema xhieda, f'partijiet kbar, kienet tmur ferm oltre il-meritu tal-kawza odjerna, izda li inhasset li kienet necessarji mill-partijiet sabiex dina l-Qorti tkun a korernt tal-kwstjonijiet li kient hemm pendenti bejn il-partijiet.

Il-Qorti, madanakollu, taghmilha cara, illi l-kawza odjerna tirrigwarda l-ittra datata 6 ta' Ottubru 2009 u l-fatt li r-rikorrent hassu malafamat minn kliem li intuzaw f'tali ittra, u ghalhekk kwalsiasi korrispondenza illi setghet giet skambjata wara tali ittra, illi tikkonsisti fil-maggoranza kbira tad-dokumentazzjoni esebita quddiem dina l-Qorti, ser tigi ikkunsidrata b'mod limitat.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta mix-xhieda tar-rikorrent, illi huwa kienet qieghed jilmenta fuq l-allegazzjoni illi kienet qed isir fil-konfront tieghu fir-risposta ippresentata mid-diretturi tas-socjeta Winex Holdings Limited u mibghuta lill-azzjonisti kollha kif fuq spjegat illi huwa kien hati ta' spergur, liema allegazzjoni r-rikorrent insista saret diversi drabi.

Jirrizulta illi r-rikorrent kien qieghed jilmenta illi l-intimati, bhala tnejn mid-diretturi, kienu qieghdin jakkuzawh ta' spergur meta ir-rikorrent stqarr fil-Qorti illi ma kienx jaf li Ingrid Parlato Trigona, mart Anthony Parlato Trigona, wiehed mid-diretturi tas-socjeta Winex Holdings Limited, kienet impjegata ta' l-istess socjeta Winex Holdings Limited, kif ukoll meta stqarr illi Anthony Parlato Trigona ma kienx qieghed jahdem skond dak miftiehem bejn il-partijiet.

Jirrizulta wkoll illi r-rikorrent kien anke qed jilmenta fejn gie akkuzat ta' spergur meta huwa stqarr fil-Qorti illi l-Perit Edward Micallef ma kien qieghed jaghmel ebda pagamenti ta' kera lis-socjeta Winex Holdings Limited, ghalkemm kien obbligat jaghmel dan peress illi kien qieghed jikri ufficini taghha.

**Ikkunsidrat**

Mid-dokumentazzjoni kollha esebit quddiem dina l-Qorti, ir-rikorrenti, ghalkemm qatt ma indika bic-car liema test jew bran kien qieghed ihossu malafamat, jidher illi hassu malafamat principalment mill-kontenut tar-risposta illi l-intimati, flimkien ma' diretturi ohra, ghamel ghar-rikors illi huwa kien ghamel, rikors Nru 842/2009, fl-ismijiet '**Raymond Vassallo pro et noe vs Anthony Parlato Trigona pro et noe**', liema kawza ghadha sub judice sal-gurnata ta' llum.

Jirrizulta, ghalhekk, illi l-meritu tal-kawza odjerna tirrigwarda kliem u kontenut ta' proceduri ohra illi jintsabu quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili u li ghadhom suggett ghal decizjoni minn dik il-Qorti.

Il-Qorti, f'dana l-istadju, taghmel referenza ghall-artikolu 994 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta illi jipprovdi dwar l-uzu ta' kliem fi proceduri u azzjonijiet illi jistghu isiru f'kaz ta' uzu ta' kliem ingurjuz u offensiv u li tghid is-segwenti:

> *(1) Ħadd ma jista' juża f'xi skrittura jew waqt is-smigħ tal-kawża xi kliem inġurjuż jew offensiv jew xi kliem li jkun xorta oħra oġġezzjonabbli, kemm-il darba dak il-kliem ma jkunx meħtieġ għall-finijiet li għalihom l-iskrittura tkun maħsuba skont il-liġi jew għall-kawża li fiha jintuża, u ħadd ma jista' mingħajr il-permess minn qabel tal-qorti, jipproduċi xi dokument li jkun fih xi kliem bħal dak.*
>
> *(2) Kull persuna li tikser xi waħda mid-disposizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-artikolu jew li tippreżenta jew tipproduċi jew li tipprova tippreżenta jew tipproduċi xi skrittura jew dokument li jkun fih kliem ipprojbit b'dan l-artikolu, u kull persuna li tkun iffirmat xi skrittura bħal dik, tkun ħatja ta' disprezz tal-qorti u l- qorti għandha tikkundannaha għall-piena taċ-ċanfir jew ta' ammenda jew multa jew ta' detenzjoni skont il-Kodiċi Kriminali.*
>
> *(3) Meta minkejja d-disposizzjonijiet tal-artikolu 184 tkun ġiet ippreżentata skrittura jew ikun ġie prodott dokument li jkun fihom kliem ipprojbit b'dan l-artikolu, il-qorti għandha, ex officio jew fuq talba tal-parti offiża, tordna li l-iskrittura kollha jew id-dokument kollu jiġu sfilzati mir-reġistru tal-qorti jew mill-proċess, u l- iskrittura jew id-dokument jitqiesu għall-finijiet kollha bħallikieku qatt ma ġew ippreżentati jew prodotti.*
>
> *(4) Meta jkun jista' jiġi muri lill-qorti li l-ksur tad- disposizzjonijiet ikun ta' xorta ħafifa u ma jkunx sar bir-rieda u jkun jista' jiġi rrimedjat b'mod xieraq billi l-*

> *kliem ipprojbit jitħassru, il-qorti tista', minflok li tapplika d-disposizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-artikolu, tordna li l-imsemmi kliem jinqata' barra.*

Il-Qorti tikkontendi illi l-hsieb tal-Ligi huwa car u bbazat fuq il-principju illi hadd ahjar mill-Qorti illi qieghda tisma l-kaz fejn intuzaw kliem allegatamant ingurjuzi hija f'pusizzjoni illi tiddikjara jekk l-uzu ta' tali kliem kienx attwalment ingurjuz u malafamanti jew le.

Dana qieghed jinghad ghax, bil-proceduri odjerni, ir-rikorrenti qieghed jitlob lil dina l-Qorti sabiex tiddikjara ruhha fuq kliem adoperati quddiem Qorti ohra, qabel ma' dina l-Qorti l-ohra attwalment tiddikjara ruhha dwar il-kontenut u il-hsieb wara l-uzu ta' tali kliem, fatt illi certament l-legislatur ried jevita meta pprovda dak stabbilit fl-Artikolu 994 (1) tal-Kap 12.

Il-Qorti, madanakollu, la darba ma tqajjmietx dina l-kwistjoni tul il-mori tal-kawza, thoss illi, fl-ahjar interess tal-gustizzja u l-principju li gustizzja mhux biss trid issir izda trid tidher li ssir, ma jkunx korrett li dina l-Qorti tqajjem tali eccezzjoni ex officio, u ghalhekk ser tinvesiga l-provi illi  gew ppresentati fl-ottika tal-gurisprudenza nostrana u dik estera.

**Ikkunsidrat**

Id-difiza imqajjma mill-intimat hija dik ta' 'fair comment".

Il-Qorti, l-ewwel u qabel kollox, tinnota illi kif qalet il-Qorti Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem fil-kawza '**Brosa vs Germany**" deciza fis-17 ta' April 2014,

> *The Court emphasises at the outset that freedom of expression, as guaranteed in Article 10 § 1 of the Convention, constitutes one of the essential foundations of a democratic society and one of the basic conditions for its progress and for each individual's self-fulfilment. Pursuant to Article 10 § 2, it is applicable not only to "information" or "ideas" that are favourably received or regarded as inoffensive or as a matter of indifference, but also to those that offend, shock or disturb (see, for example, Oberschlick v. Austria (no. 2), 1 July 1997, § 29, Reports of Judgments and Decisions 1997-IV). Article 10 protects not only the substance of the ideas and information expressed but also the form in which they are conveyed. This freedom is subject to the exceptions set out in Article 10 § 2, which must, however, be construed strictly (see, among other authorities, Jerusalem v. Austria, no. 26958/95, § 32, ECHR 2001-II).*

Fl-ktieb **Gatley on Libel and Slander** (Sweet & Maxwell (London), 1981 jinghad hekk dwar in-natura ta' kumment:

> *A comment is a statement of opinion on facts. It is comment to say that a certain act which a man has done is disgraceful or dishonourable; it is an allegation of fact to say that he did the act so criticised. "A libellous statement of fact is not a comment or criticism on any thing". But while a comment is usually a statement of opinion as to the merits or demerits of conduct, an inference of fact may also be a comment. There are, in the cases, no clear definitions of what is comment. If a statement appears to be one of opinion or conclusion, it is capable of being comment. (para. 697, pagna 294).*

Kif ikompli jghid l-istess Gately:

> *To succeed in a defence of fair comment the defendant must show that the words are comment, and not a statement of fact. He must also show that there is a basis of fact for the comment, contained or referred to in the matter complained of. Finally, he must show that the comment is on a matter of public interest, one which has expressly or implicitly put before the public for judgment or is otherwise a matter with which the public has a legitimate concern. If, however, the plaintiff can show that the comment was not made honestly or was actuated by malice, he will defeat the plea.*

Fil-kawza **Spiller vs Joseph** deciza mill-Qorti tal-Appell Ingliza fl 1 ta' Dicembru 2010, Lord Phillips ghamel is-segwenti konsiderazzjonijiet meta wiehed iqis id-difiza ta' 'fair comment':

> *A subsidiary but important issue was what it was that a defendant had to prove in order to establish the defence of fair comment. Counsel for the plaintiff submitted that the defendant had to establish that: (i) the words complained of were comment; (ii) the comment was on facts; (iii) the facts commented on constituted a matter of public interest; (iv) the comment was objectively "fair"; that is the comment was one that was capable of being honestly founded on the facts to which it related, albeit by someone who was prejudiced and obstinate; (v) the comment represented the defendant's honest opinion. If he discharged all these burdens, the defence could none the less be defeated by proof of malice on the part of the defendant, but the onus of proving malice lay on the plaintiff. Both the Court of Appeal and the House of Lords held that there was no burden on the defendant to establish the fifth element. The defendant's honesty was assumed unless the plaintiff could disprove it by establishing malice.*

**Ikkunsidrat**

Kif gia kellhha l-opportunita taghmel dina l-Qorti f'varji kawzi, inkluz fil-kawza **Dr. Joe Mifsud vs Robert Arrigo et** - deciza fl-24 ta' Frar 2014, jkun opportun, f'dana l-istadju, illi jigi ezaminati l-hames elementi imsemmija minn Lord Philips sabiex jigi stabbilit jekk, fil-kaz odjern, dak illi intqal kienx 'fair comment' jew le.

**(i)** "*the words complained of were comment*" - ma hemmx dubju illi l-kliem li intuzaw kienu kumment ta' l-intimati flimkien mad-diretturi ohra, lkoll diretturi fil-kumpannija Winex Holdings Limited, dwar dak li kien allega u qal r-rikorrent fi proceduri civili illi huwa nieda kontra taghhom.

**(ii)** "*the comment was on facts*" - jidher, mill-fatt kif prodotti, illi l-kummenti li dwarhom ir-rikorrent qieghed jilmenta, u partikolament l-allegazzjonijiet illi r-rikorrent kien hati ta' spergur kien rizultat ta' fatti illi l-istess intimat kien jaf dwarhom u li wera lill-dina l-Qorti illi kienu bbazati fuq fatti debitament ikkorroborati minn dokumentazzjoni u ghalhekk ben fondati.

**(iii)** "*the facts commented on constituted a matter of public interest*" - ma hemmx dubju illi, fil-kaz odjern, il-kwistjoni ta' "public interest" hija limitata ghall-azzjonisti tas-socjeta Winex Holdings Limited, u ghalhek dina l-Qorti ser tghaddi biex tillimta l-kummenti taghha partikolarment fuq tali ambitu. Hareg car mill-provi prodotti illi l-azzjonisti tas-socjeta Winex Holdings Limited kienu fil-pussess ta' kummenti u asserzjonijet illi ghamel ir-rikorrent fil-konfront ta' l-intimati u d-diretturi ohra tas-socjeta Winex Holdings Limited.

Ghalhekk, kien certament fl-interess ta' l-istess azzjonisti illi huma jisimghu l-verzjoni tal-fatti tad-diretturi l-ohra illi r-rikorrent ghazel illi jattakka permezz ta' ittra lilhom mibghuta ftit jiem qabel. Iil-Qorti tosserva wkoll illi l-azzjoni mehuda mill-intimati sabiex jibghatu risposta ghal dak allegat mir-rikorrent tista titqies bhala id-dritt ta' risposta kkontemplata fil-Ligi tagha fl-artikolu 21 tal-Kap 248. Illi ghalhekk ma hemm ebda dubju ili kien fl-interess ta' l-azzjonisti tas-socjeta Winex Holdings Limited, illi jisimghu l-verzjoni tal-fatti minn naha l-ohra.

**(iv)** "*the comment was objectively "fair"; that is the comment was one that was capable of being honestly founded on the facts to which it related, albeit by someone who was prejudiced and obstinate*;" - in vista tal-fatt illi l-intimati, meta ghamlu l-allegazzjonijet taghhom illi dwarhom r-rikorrent qieghed jilmenta quddiem dina l-Qorti, ibbaza l-allegazzjonjiet fuq fatti illi huwa kien jaf u li sussegwentement issustanzja quddiem dina l-Qorti, ma hemm ebda dubju illi tali kummenti kienu oggettivament gusti u ben fondati.

**(v)** "*the comment represented the defendant's honest opinion*." - Il-Qorti ma ghandha ebda dubju illi l-kummenti illi ghamlu l-intimati kienu verament l-opinjoni taghhom u kienu dettati mill-fatt illi d-differenzi bejn il-partijiet kienet ilha teskala ghal diversi xhur jekk mhux snin u eventwalment wasslet ghall-proceduri civili quddiem il-Qorti kif ukoll il-hrug u ottjeniment ta' Mandat ta' Inibzzjoni illi certament halla effetti negattivi fuq l-intimat u li ghalhekk hass illi kellu jiddefendi lilu nnifsu billi ghamel l-assserzjonijiet li dwarhom ir-rikorrent hassu aggravat.

**Ikkunsidrat**

Abbazi tal-konsiderazzjonijiet fuq maghmulha il-Qorti ma tara ebda raguni ghaliex ma ghandhiex tqies il-kummenti illi ghamel l-intimat permezz ta' l-ittra tieghu datat 6 ta' Ottubru 2009 u partikolarment is-sottomissjonijiet illi saru fi proceduri civili illi ghdhom sub judice sa llum, bhala kumment gust u ekwu rizultat ta' allegazzjonijiet illi saru fil-konfront tieghu mill-istess rikorrent.

**Konkluzjoni**

Il-Qorti

Wara illi qieset id-dokumentazzjoni kollha prodotta u semghet ix-xhieda kollha mressqa,

Wara illi rat in-noti taʼ sottomissjonijiet taʼ l-abbli difensuri tal-partijiet

Tghaddi biex taqta u tiddeciedi billi

**Tilqa** l-eccezzjonijiet maghmula mill-intimat u tiddikkjara l-kliem indikat fl-ittra datata 6 taʼ Ottubru 2009 bhala gusti u ekwi in vista tas-sitwazzjoni renjanti bejn il-partijiet u l-azzjonijiet civili pendenti bejniethom u ghalhekk

**Tichad** it-talbiet attrici kollha.

Spejjez tal-proceduri odjerni ghandhom ikunu kollha a kariku ta' l-attur.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------